# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru 2751

Kaz Numru 3705/JG

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Paul Vella [(K.I: 58062 (M)]
u li d-digriet tal-15 ta' Ottubru 2019
jidhlu Dolores sive Dorianne Vella
(K.I. nru. 198968(M)) u Kurt Vella
(K.I. nru. 448695(M)) minflok id-defunt
Paul Vella

u

Keith Vassallo [K.I.399387(M)]
ezercjenti l-kummerc bl-isem ta'
KVH Computers

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum: 3 ta' Settembru, 2021

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-Kaz kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 8 ta' Frar, 2019 permezz ta' l-Avukat Graziella Cricchiola f'isem is-Sur Paul Vella. Min-

naha l-ohra s-Sur Keith Vassallo bhala ezercitanti tal-kummerc bl-isem ta' KVH Computers irrisponda fil-15 ta'Frar, 2019 permezz ta' l-Avukat Dean Hili.

Fir-rigward ta' l-artiklu 78 tal-kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal ma setax jiddeciedi l-kaz fil-perjodu stipulat mil-Ligi minhabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

It-Tribunal kellu quddiemu kaz fejn ir-rikorrent s-Sur Vella allega li kien terminat mix-xoghol ingustament u bla raguni valida fil-Ligi anzi jallega li s-sospensjoni tieghu mix-xoghol kien attentat minn naha ta' l-intimat biex jahbi l-vera raguni, jigifieri dak li jew jirregola ruhu mat-talbiet mitlub mill-kumpanija GO plc jew jippregudika l-kummerc tieghu ma' l-istess GO plc.

Min-naha tieghu l-intimat iddikjara li hu mhux il-legittimu kontradittur u ghandha tirrispondi s-socjeta' kummercjali GO plc ghat-talbiet tar-rikorrent stante li kif allega l-intimat, kienu l-azzjonijiet tas-socjeta' GO plc li wasslet ghac-cirkostanzi prezenti. L-intimat izid jghid li r-rikorrent inghata s-sensja (redundancy) fejn thallas dak kollu dovut tant li l-istess rikorrent anki kien sarraf ic-cekkijiet mghoddija lilu bhala hlas.

**Fatti tal-kaz**

Is-Sur Paul Vella kien impjegat mis-socjeta' KVH Computers, mmexxija mill-intimat direttur s-Sur Keith Vassallo, fid-9 ta' Frar, 2015 fuq bazi *full time* indefinit bhala *Telecom Technician*. B'dispjacir is-Sur Vella kien dicedut matul il-proceduri ta' dan il-kaz u minhabba f'hekk inhareg digriet fejn it-Tribunal ordna t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Dolores sive Dorianne Vella (K.I. nru. 198968(M) u Kurt Vella (K.I. nru. 448695(M) bid-data tal-15 ta' Ottubru, 2019.

Is-socjeta' kellha kuntratt ta' xoghol bhala "kuntrattur" mal-kumpanija GO plc biex taghmel xoghol fuq l-Access Networks ta' l-istess GO plc.

Fl-10 ta' Settembru, 2018 saret laqgha mghajjta mill-kumpanija GO plc li ghaliha kienu prezenti l-Inginier Dr Joseph Attard bhala Chief Technical Officer, l-Inginier Geoffrey Cauchi bhala Senior Manager Technical Operations, l-Inginier Steven Sargent bhala Senior Manager Fixed Access u s-Sur John Stivala bhala Manager Customer Services Field Operations u min-naha l-ohra ghal din il-laqgha attenda ukoll is-Sur Keith Vassallo bhala Direttur tas-socjeta' KVH Computers.

Matul il-laqgha inghad mill-esponenti tal-GO plc li tlieta mill-haddiema li huma mqabbdin mis-socjeta' KVH Computers sabiex jahdmu xoghol fuq in-network tal-GO plc, fosthom is-Sur Paul Vella, ma kienux qeghdin jaghmlu xoghol skond is-sengha u l-kwalita' kif mitlub mil-GO plc. Inghad li s-Sur Vassallo nghata l-possibilita' biex dawn it-tliet haddiema jsirilhom ezami li, normalment kien isir ghal kull impjegat li kien sa jahdem ma' kuntrattur li jaghmel xoghol ta' installazzjoni jew tiswija ta' servizzi tal-klijenti fuq in-network tal-GO. Dan biex seta' jsir assessjar tal-hiliet ta' dawn it-tlett haddiema. Ikompli jinghad li s-Sur Vassallo kien ta' l-opinjoni li tnejn mit-tliet haddiema msemmija, inkluz is-Sur Paul Vella, ma kienux ta' livell li joqghodu b'success ghal dan l-ezami. Ghalhekk din l-opportunita' ttiehdet ghat-tielet haddiem imma mhux ghaz-zewg haddiema l-ohra jigifieri s-Sur Paul Vella u l-kollega immedjat li kien jahdem mieghu.

Quddiem din is-sitwazzjoni, l-ufficjali tal-Go plc talbu lis-Sur Vassallo biex jaghmel aktar supervizjoni fuq iz-zewg haddiema msemmija nkluz is-Sur Paul Vella biex jigi assigurat li x-xoghol qieghed isir bis-sengha u l-kwalita' rikjesta mill-GO plc. Gara izda li s-Sur Vassallo stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jaghmel aktar supervizjoni minn dak li kien diga qed jaghmel.

Ghaldaqstant, l-Inginier Dr Joseph Attard jispjega li minhabba l-fatt li s-Sur Vassallo ma setax jirregola s-sitwazzjoni u jiggarantixxi l-kwalita' tax-xoghol tas-Sur Vella u tal-haddiem l-iehor kif mitlub mill-GO plc, kif ukoll il-fatt li fl-opinjoni ta' l-intimat, dawn iz-zewg haddiema ma setghux joqghodu ghall-ezami sabiex jigu assessjati ghal kapacitaijiet taghhom, ma kellux triq ohra

ghajr li jitlob lis-Sur Vassallo sabiex jordna lis-Sur Paul Vella u l-haddiem l-iehor ma jibqghux jahdmu fuq l-Access Network tal-GO plc.

Din id-decizjoni kienet segwita bil-miktub mis-Sur Marco Spiteri bhala Manager tal-Maintenance and Outsourcing, lis-Sur Keith Vassallo l-ghada tal-laqgha fil-11 ta' Settembru, 2018.

Sussegwentement, fit-13 ta' Settembru, 2018 is-Sur Vassallo ssospenda mix-xoghol lis-Sur Paul Vella u baghatlu kopja tal-korrispondenza illi ghaddiet bejn il-kumpanija Go plc u l-intimat rigward l-ilmenti tal-kumpanija. Nhar id-9 ta' Ottubru, 2018 is-Sur Paul Vella kien notifikat mill-Jobs Plus li minn dik id-data huwa kellu l-impjieg tieghu terminat ghar-raguni ta' sensja (redundancy). Sadanittant is-sur Vassallo hallas dak dovut lis-Sur Vella ghax-xoghol tieghu permezz ta' zewg cekkijiet li ssarfu mis-Sur Vella.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn l-intimat kien qed jiddikjara li hu mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tirrispondi l-kumpanija GO plc ghat-talbiet tar-rikorrent ghaliex skont hu, kienet il-kumpanija GO, li bl-azzjonijiet taghha, wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Sur Paul Vella. Ghalhekk l-ewwel haga li t-Tribunal ried jiddetermina kien ta' min kienet ir-responsabbilta' tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Sur Vella.

It-Tribunal kellu ukoll quddiemu terminazzjoni ta' l-impjieg ghal raguni ta' sensja (redundancy), filwaqt li r-rikorrent kien qed jallega tkeccija ngusta. Ghaldaqstant, it-Tribunal ried jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet li jwasslu ghas-sensja (redundancy) kienux prezenti u jekk fl-affermattiv, kinetx segwita l-procedura necessarja ghal dan.

It-Tribunal kellu ukoll jara l-validita' tat-talba ta' l-intimat li l-hlasijiet li saru lir-rikorrent meta kellu l-impjieg terminat bhala hlas a saldu ta' kull pretensjoni – in full and final settlement.

Full and Final Settlement

L-intimat is-Sur Vassallo jghid li appena giet komunikata s-sensja, l-esponent ikkomunika l-hlas f'pagi u beneficcji ohra lir-rikorrent permezz ta' cheques intestati lir-rikorrent u mibghuta bhala hlas a saldu ta' kull pretensjoni *in full and final settlement*, liema cheques liberament issarfu mill-istess rikorrent u li ghalhekk biss din it-talba ghandha tigi michuda.

It-Tribunal ifakkar li l-hlasijiet dovuti mill-principal ghar-rikorrent is-Sur Vella kienu hlasijiet ta' drittijiet li r-rikorrent kellu minhabba x-xoghol li kien ghamel. Hlas bhal dan m'ghandux bzonn ta' "settlement" ghaliex johrog bhala dritt mil-Ligi u ghalhekk f'dan il-kuntest din il-frazi hija superfluwa. Li kieku l-principal ma hallasx dawn l-ammonti li kienu dovuti kien ikollu problema. Ghaldaqstant is-Sur Vella kellu kull dritt isarraf ic-*cheques* ta' hlas ghax-xoghol li ghamel u meta kien qed jaghmel dan ma kienx qed jirrinunzja ghal xi drittijet ohra moghtija mil-Ligi.

Ghalhekk it-Tribunal jichad it-talba ta' l-intimat f'dan ir-rigward.

Il-legittimu kontradittur

It-Tribunal ra l-kuntratt ta' l-impjieg tas-Sur Paul Vella datat 4 ta' Frar, 2015 u sab li l-kuntratt sar bejn KVH Computers u s-Sur Paul Vella. Ghas-socjeta' KVH Computers deher fuq il-kuntratt id-Direttur is-Sur Keith Vassallo.

Ghal dan il-kaz, l-artiklu 10 tal-kuntratt huwa partikolarment importanti u jghid li:

> *The Company has made no agreement with any other third party which contains additional terms and conditions of employment which may affect you.*

Ra ukoll ir-rendikont tal-Job Plus dwar l-istorja tax-xoghol tas-Sur Vella u sab li r-rikorrent kien registrat bhala mpjegat fl-24 ta' Frar, 2015 mis-Sur Keith Vassallo fuq bazi *full time* indefinit. L-istess rendikont juri ukoll li l-impjieg tas-Sur Vella kien terminat ghal raguni ta' "Redundancy: Lack of work" fid-9 ta' Frar, 2018 mill-istess is-Sur Keith Vassallo.

Quddiem din l-informazzjoni, t-Tribunal jiddeciedi li kien hemm relazzjoni ta' xoghol legittima bejn il-partijiet u jaqta' li s-Sur Paul Vella kien impjegat regolari tas-socjeta' KVH Computers immexxija mid-Direttur taghha s-Sur Keith Vassallo. F'dan ir-rigward is-Sur Keith Vassallo kien il-persuna responsabbli li mpjega u ttermina l-impjieg tar-rikorrent.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jichad id-dikjarazzjoni ta' l-intimat li mhux il-legittimu kontradittur u jaqta' li s-Sur Keith Vassallo bhala ezercitanti tas-socjeta' KVH Computers huwa effettivament il-legittimu kontradittur.

<u>Terminazzjoni ta' sensja (redundancy)</u>

It-Tribunal ried jibda billi jhares lejn il-fatturi li jikkostitwixxu 'sensja' – "*redundancy*".

Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtux definizzjoni ta' sensja "*redundancy*" izda l-gurisprudenza Maltija u barranija toffri gharfien sostanzjali dwar dan.

Sensja genwina ssehh meta s-sensja hija dovuta ghal fatt li minn ihaddem ghandu bzonn numru anqas ta' haddiema biex isir xoghol ta' certu tip jew il-ma' jkunx ghadd hemm il-bzonn tal-haddiema kollha ghax-xoghol rikjest.

Ghalhekk biex sensja tinghata b'mod gust, min ihaddem irid jistabbilixxi li r-rwol tal-haddiem jew haddiema milquta verament spiccat jew sa tispicca. Fil-Ligi Ingliza, sensja "*redundancy*" hija meqjusa bhala terminazzjoni specjali ta' mpjieg li jsehh meta hemm il-bzonn li jitnaqqsu l-haddiema. F'dan ir-rigward, impjegat hu meqjus bhala "redundant" meta:

1 minn ihaddmu waqqaf jew sa jwaqqaf in-negozju,
2 li r-rikjesti mitluba minn haddiem jew haddiema biex jaghmel certu tip specjali ta' xoghol jew spicca jew sa jispicca mill-lokalita' fejn kien qed isir.

Biex terminazzjoni ta' l-impjieg ghal raguni ta' sensja 'redundancy' tkun konsidrata, l-principal irid jonqoslu x-xoghol u jispicca b'haddiema zejda.

F'dan il-kaz ir-raguni li l-intimat gab bhala raguni ta' redundancy kien il-fatt li l-kumpanija Go plc kienet "blacklisted" minn fuq in-network taghha lil tliet haddiema ta' KVH Computers minhabba dak li l-kumpanija ddeskriviet bhala xoghol nieqes mis-sengha u l-kwalita' rikjesta. Is-Sur Vassallo spjega li minhabba f'hekk hu ghamel lil zewg haddiema nkluz is-Sur Paul Vella redundant ghaliex skont hu ma kellux xoghol iehor x'jaghtihom.

It-Tribunal jinnota li fl-ebda hin ma l-intimat kien iffaccjat minn nuqqas ta' xoghol jew li b'xi mod kien taht theddida ta' nuqqas ta' xoghol fuq in-network tal-GO plc imma l-kwistjoni kienet dwar il-kwalita' tax-xoghol ipprovdut minn tliet haddiema tal-kuntrattur. L-ispjega ta' dak li hareg mil-laqgha ta' l-10 ta' Settembru, l-ittra tas-Sur Spiteri tal-11 ta' Settembru, 2018 u s-sospensjoni tas-Sur Vella mix-xoghol tat-13 ta' Settembru huma evidenza bizzejjed li turi r-rabta diretta bejn l-ilmenti tal-kumpanija GO plc u t-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Sur Vella mill-kumpanija li timpjegah. Ghalhekk il-kwistjoni kienet wahda marbuta ma' dixxiplina fix-xoghol u mhux nuqqas ta' xoghol.

Barra minn hekk meta haddiem ikun iffaccjat b'sitwazzjoni ta' redundancy, il-principal ghandu l-obbligu li jitkellem dwar dan mal-haddiema milquta, jisma'

l-opinjoni taghhom, jesplora alternattivi ta' xoghol u tahrig taghhom u juri sensittivita' mal-haddiema milquta.

F'dan il-kaz ma kienx hemm djalogu mas-Sur Paul Vella anzi minflok kien hemm sospensjoni. Anqas ma kien hemm is-sensittivita' normalment mitluba f'kazijiet ta' redundancy, anzi s-Sur Vella sar jaf li nghata s-sensja minghand il-JobPlus minfok minn min ihaddmu.  Imgieba bhal din ma turix intenzjonijiet retti min-naha ta' l-intimat meta hu ddecieda li jaghti s-sensja 'redundancy' lir-rikorrent.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi u jaqta' li r-raguni ta' terminazzjoni moghtija mill-intimata' socjeta' KVH Computers ma kinetx valida skont il-Ligi.

<u>Raguni vera tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tas-Sur Vella</u>

It-Tribunal ma waqafx hawn imma hares lejn il-performance fuq ix-xoghol u t-track record tax-xoghol tas-Sur Vella.

Ir-rikorrent is-Sur Paul Vella kellu hafna snin ta' esperjenza fis-sengha tat-telefonija fosthom tmienja u ghoxrin sena jahdem mal-GO plc u wara dahal jahdem ma' kumpaniji privati fl-istess mistier fosthom u ta' l-ahhar, mas-socjeta' KVH Computers.

L-intimat is-Sur Keith Vassallo fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2019 stqarr li fil-bidu li s-Sur Vella beda jahdem mieghu, l-affarijiet kienu sejrin sewwa. L-intimat ikompli jispjega li f'dan iz-zmien il-procedura tax-xoghol u s-sengha kienu aktar semplici.

Is-Sur Vassallo izid li maz-zmien is-sistema tax-xoghol u allura anki s-sengha saru aktar kumplessi u ghalhekk jghid li;

> *Kellna naqa intoppi pero dejjem bdejt nerfa naqra responsabilita' biex ma nghabbix hafna lilu per ezempju dahlu sistemi godda tal-GO fuq computer u fuq mobile li hu dejjem kien ikolli battibekki li ma jsirux mill-ewwel on site u completed li x-xoghol sar.*

Ikompli jzid li s-Sur Vella gieli rrapporta li bicca xoghol ma setghetx issir u wara li jintbaghat haddiem iehor il-bicca tax-xoghol issir.

Is-Sur Vassallo jghid li l-esponenti tal-GO kienu qed jilmentaw dwar dan izda stqarr li hu qatt ma tkellem mas-Sur Vella dwar dan. Anqas ma jaf jekk qatt kienx hemm min-naha ta' GO plc xi hadd li kellem lis-Sur Vella dwar il-*"bad workmanship"* ghalkemm jghid li kien hemm minn gibidlu l-attenzjoni. L-intimat ikompli jistqarr li qatt ma nharget xi "warning" lis-Sur Vella.

Fl-10 ta' Settembru, 2018 ufficjali tal-GO spjegaw car lis-Sur Vassallo li x-xoghol ta' tliet haddiema minn tieghu ma kienx ghal livell mistenni mis-sengha u offrew li jaghmlulhom ezami tal-hiliet liema offerta giet michuda mis-Sur Vassallo ghajr fil-kaz ta' haddiem wiehed li la kien is-Sur Vella u anqas il-kollega tieghu li kien jahdem mieghu. L-ufficjali tal-GO anki ssuggerew supervizjoni adekwata mis-Sur Vassallo biex il-kwalita' tax-xoghol titjieb imma dan hass li ma setghax jaghmlu. Allura l-kumpanija GO ordnat li dawn iz-zewg haddiema, fosthom is-Sur Vella ma jithallewx jahdmu fuq xoghol tan-network tal-GO.

It-Tribunal jinnota b'mod l-aktar car li s-Sur Vella kien haddiem tajjeb imma gralu li biz-zmien, is-sengha tieghu bdiet tiskadi ghaliex ma baqatx tevolvi ma l-izvillup tat-teknologija. F'ambjent fejn it-teknologija qed tevolvi b'mod rapidu hija r-responsabbilita' ta' min ihaddem li jara li jtejjeb (upskilling) u jaggorna (re-skilling) l-hiliet tal-haddiema. Ghalkemm il-GO plc gieli tat xi nformazzjoni dwar is-sistemi l-godda lil haddiema ta' KVH Computers jidher imma li qatt ma kien hemm tahrig strutturat biex min ihaddem jassigura lilu nnifsu li l-impjegati tieghu ghandhom il-hiliet necessarji ghax-xoghol li kienu mitluba jaghmlu. Ma tridx wisq biex wiehed jifhem li fejn hemm nuqqas ta' tahrig u aggornament isir hafna difficli li haddiem jaghti l-ahjar tieghu u ghalhekk facli tifhem li l-performance fuq ix-xoghol sa tbati.

Meta giet l-opportunita' ta' ezami tal-kompetenzi ta' dawn il-haddiema biex il-principal ikun jaf ezatt fejn qieghed f'dan ir-rigward, l-intimat naqas milli jaghti dan ic-cans lil zewg minn tliet haddiema nkuz is-Sur Vella. Hawn is-Sur Vassallo mhux biss iddiskrimina kontra s-Sur Vella imma hela l-opportunita'

fejn ir-rizultat ta’ l-ezami seta’ wera fejn il-kompetenzi kienu nieqsa u allura l-opportunita’ ghas-Sur Vassallo biex jindirizzahom permezz ta’ tahrig necessarju.

Mhux hekk biss imma meta l-GO plc rat din it-triq maghluqa mis-Sur Vassallo, tablet ghal supervizjoni adekwata biex tigi assigurata l-kwalita’ tax-xoghol. Hawn is-Sur Vassallo bhala principal qal li ma ghandux il-hin biex jaghmel dan minhabba mpenji ohra. Filwaqt li t-Tribunal mhux sa jghid kif ghandu jitmexxa n-negozju ta’ din il-kumpanija jfakkar li r-responsabilta’ bazika ta’ kull principal huwa li jizviluppa kontinwament lill-haddiema tieghu biex jibqa relevanti ghall-klijenti tieghu u f’dan is-sens, is-supervizjoni u il-kowcing huwa l-ghodot effettivi u uzati minn min irid ikabbar u jsahhah il-hiliet tan-nies tax-xoghol.

Ghalhekk, kienet ir-responsabbilita’ ta’ l-intimat li jaghti supervizjoni, jikkowcja u jikkoregi fuq il-lant tax-xoghol biex il-haddiema ikunu jistghu jiffunzjonaw sewwa skont is-sengha u l-bzonnijiet tal-GO plc. Huwa biss wara hidma serja bhal din li principal ikun gustifikat li jiehu passi dixxiplinarji kemm -il darba l-performance fuq ix-xoghol ma titjiebx ghal livell mistenni.

Mill-atti ma johrog xejn li process bhal dan sar, anzi s-Sur Vassallo jistqarr li hu qatt ma ta xi “warning” lis-Sur Vella, la bil-kliem u anqas bil-miktub. Ghalhekk meta s-Sur Vella kellu l-impjieg tieghu terminat bla process, ir-rikorrent gie mcahhad milli jiddefendi l-posizzjoni u jaghti l-verzjoni tieghu fir-rigward ta’ l-allegazzjonijiet kontra tieghu, kif filfatt kellu d-dritt naturali li jaghmel.

## <u>Decizjoni</u>

Wara li t-Tribunal ezamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-kaz, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta’ dawn, it-Tribunal, wara li hares lejn l-elementi tal-kaz fit-totalita’ u l-komplessita’ taghhom, jiddeciedi li s-Sur Paul Vella kien terminat mix-xoghol ingustament u mhux skont il-Ligi.

**Kumpens**

Keith Vassallo (K.I.399387(M)) ezercitanti tal-kummerc bl-isem ta' KVH Computers) ihallas b'kumpens lill-eredi tas-Sur Paul Vella s-somma ta' tliet elf euro (€3,000) fi zmien sitt gimghat mid-data tad-decizjoni.

**Drittijiet**

L-ispejjez tal-kawza taz-zewg partijiet huma a karigu ta' l-intimat igifieri s-Sur Keith Vassallo u dana ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986.

**(iffirmat)**

Joseph Gerada
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju